# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 29**

**Avviz numru 122/00/SM**

**Joseph Vella**

**vs**

**Oliver Cutajar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur Joseph Vella sejjah lill-konvenut Oliver Cutajar quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux:**

1. **Ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija tmienja u tletin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (LM838.95,0), jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni li sofra l-attur meta f'Mosta Road, St. Paul's Bay fl-10 ta' Settembru, 1999, stante li kien qed isuq "fork lifter" tal-**

**marka Hyster li ghandu n-numru IAH-369 u laqat il-vann Nissan bin-numru BAV 839, proprjeta' ta' l-attur, meta kien hiereg minn triq sekondarja ghal got-triq principali Mosta Road, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

2. **Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra legali tat-12 ta' Ottubru, 1999 u ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Dicembru, 1999, u dik kontra l-assikuraturi tieghu tal-lum, u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali. Il-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talba tal-attur ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontra tieghu stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament htija tal-attur innifsu;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi ghall-habta tas-7.30 ta' filghodu ta' l-10 ta' Settembru ta' l-1999 fi Triq il-Mosta kantuniera ma' Triq Jean de La Vallette, San Pawl il-Bahar, sehhet kollizjoni bejn "fork-lifter" bin-numru IAH-369 misjuq mill-konvenut Oliver Cutajar u vann tal-marka Nissan bin-numru ta' registrazzjoni BAV 839 misjuq mill-attur Joseph Vella;**

2. **Illi skond il-versjoni ta' l-attur waqt li hu kien qed isuq fuq il-karreggjata tieghu tat-triq sema' daqqa, waqaf ftit l-isfel u meta spezzjona l-vann**

**li kien qed isuq sab ticrita ikkagunata mill-“blades” ta’ l-istess “fork-lifter”;**

3. **Illi l-konvenut pero’ isostni li hu kien fuq il-karreggjata tieghu bil-“fork-lifter” hiereg mit-triq sekondarja ghal got-triq principali fuq indikati;**

4. **Illi qabel ma ta’ bidu ghal din il-manuvra waqaf fil-kantuniera biex jistenna t-traffiku tat-triq principali jghaddi;**

5. **Illi pero’ meta wasal l-attur dan laqat il-vann tieghu mal-frieket tal-“fork-lifer”;**

6. **Illi jidher li l-attur dahal fuq l-imsemmija frieket meta ra vettura ohra gejja minn naha opposta ghal tieghu u resaq lejn il-“fork-lifter” biex jevita kollizjoni ma l-istess vettura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jidher li l-konducent konvenut kien qed juza l-prudenza kollha necessarja meta kien wieqaf f’kantuniera, bil-frieket tieghu madwar pied il-fuq mill-art;**

**Illi jidher li l-incident de quo sehh minhabba l-manuvra ta’ l-istess attur li pprova jevita’ vettura ohra li kienet qed tohloq perikolu subitaneu ghalieh;**

**Ghaldaqstant tiddikjara li l-konvenut mhux responsabbli ghall-akkadut u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**